MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 87/2013

**Transmec Services Limited (C6952)**
**vs**

**PSV Turnkey Contractors Limited (C33758)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta rikorrenti prezentat fit-30 ta'Jannar 2012 li jaqra hekk:

*"Illi s-socjeta' intimata ghandha thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma kump1essiva ta'* ***erba' u tmenin elf seba' u tletin Euro u tlieta u sittin centemzu (€84,037.63c)*** *rapprezentanti in kwantu ghal wiehed u sebghin elf disa' mija disa' u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€71,939.33c) 1-bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni lilha mibjugh u lilha kkonsenjat u in kwantu ghal tnax-il elf tmienja u disghin Euro u tletin centemzu (€12,098.30c) imghax kummercjali li ddekorra fuq is-sorte komputat mid-data tal-konsenja sal-15 ta' Novembru*

*2012, hekk kif jirrizulta ahjar mill-istatement hawn anness bhala Dokument A.*
*Illi minkejja li s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas hija baqghet inadempjenti.*

*Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' intimata ma ghandha 1-ebda eccezzjoni xi tqajjem ghat-talba ghall-hlas.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex ma ghandiex dina 1- Onorabbli Qorti in vista tal-premess u dispensat is-smiegh tal-kawza ai termini ta-Artikolu 167 et. seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, prevja dikjarazzjoni jekk mehtieg li s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fi-ammont hawn imfisser, tikkundanna lill-istess socjeta' intimata PSV Turnkey Contractors Limited sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti Transmec Services Limited s-somma kumplessiva ta'* ***erba' u tmenin elf seba' u tletin Euro u tlieta u sittin centezmu (€84,037.63c)*** *rapprezentanti in kwantu ghal wiehed u sebghin elf disa' mija disa' u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€71,939.33c) 1-bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni lilha mibjugh u lilha kkonsenjat u in kwantu ghal tnax-il elf tmienja u disghin Euro u tletin centezmu (€12,098.30c) imghax kummercjali li ddekorra fuq is-sorte kumputat mid-data tal-konsenja sal-15 ta'Novembru 2012, hekk kif jirrizulta ahjar mill-istatment hawn anness bhala Dokument A.*

*Bl-ispejjez, u bl-imghax kummercjali b'effett millum, kontra s-socjeta' intimata, bid-diretturi taghha minn issa ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat illi s-socjeta' intimata baqghet kontumaci u meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-llum it-Tnejn 4 ta' Marzu 2013 u fl-udjenza tal-Hamis 28 ta' Frar 2013, rapprezentanti tas-socjeta' intimata ma dehrux;

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2013, Joseph Camilleri bil-gurament xhed u kkonferma illi l-ammont pretiz fir-rikors guramentat baqa' ma thallasx mis-socjeta' intimata;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Mahluf jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tilqa' t-talbiet attrici billi tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza mis-smiegh, tiddikjara illi s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont t'erba' u tmenin elf seba' u tletin Euro u tlieta u sittin centezmu (€84,037.63c) u tikundanna lill-istess socjeta' intimata PSV Turnkey Contractors Limited sabiex thallas lis-socjeta' Transmec Services Limited is-somma kumplessiva t'erba' u tmenin elf seba' u tletin Euro u tlieta u sittin centezmu (€84,037.63c), rapprezentanti in kwantu ghal wiehed u sebghin elf disa' mija disa' u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€71,939.33c) 1-bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni lilha mibjugh u lilha kkonsenjat u in**

**kwantu ghal tnax-il elf tmienja u disghin Euro u tletin centezmu (€12,098.30c) imghax kummercjali li ddekorra fuq is-sorte kumputat mid-data tal-konsenja sal-15 ta' Novembru 2012.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijet kif mitluba kontra socjeta' intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------